ta' Daniela Camilleri Sacco
Kap tal-Iskola Primarja, San Alwiġi

# Il-Papa Franġisku se jżur il-gżejjer Maltin!

Ftit tal-jiem ilu smajna l-aħbar sabiħa li l-Papa Franġisku ser ikun qed iżur il-gżejjer Maltin f'April li ġej. Imma min hu sewwasew il-Papa Franġisku?

Jorge Mario Bergoglio (l-isem proprju tal-Papa Franġisku) twieled fi Buenos Aires, l-Arġentina fis-17 ta' Diċembru 1936. Twieled f'familja ta' immigranti li marru l-Arġentina. Studja l-kimika u fil-fatt ħadem xi ftit fl-industrija tal-ikel, però ma damx wisq għax ftit wara ħass is-sejħa li jidħol mal-Ġiżwiti.

Meta kellu madwar 21 sena Jorge marad serjament bil-pulmonite, u biex salvawh kellhom ineħħulu parti kbira mill-pulmun tal-lemin. Wara li rkupra daħal novizz mal-Ġiżwiti fl-1958 u reġa' lura lejn l-istudji tiegħu fiċ-Ċili. Hu ġie ordnat qassis fl-1969.



## Meta laħaq Papa?

Jorge Bergoglio laħaq papa fi Frar tal-2013, wara li l-Papa Benedittu XVI għażel li jirtira minn papa minħabba l-età u problemi ta' saħħa. Hu għażel l-isem ta' Franġisku, sabiex jonora lil San Franġisk t'Assisi, ħabib tal-fqar, tan-natura u tal-annimali. Mill-ewwel deher li kien ser ikun papa differenti – għażel li jibqa' jgħix fl-appartament żgħir tiegħu, ried jivvjaġġa bit-trasport pubbliku jew jimxi, minflok fil-karozza speċjali tiegħu bix-xufier, u lanqas żarbun aħmar li jilbsu l-papiet ma ried, imma żamm li kellu!



## *Fatti kurjużi dwar il-Papa Franġisku:*

*Iħobb isajjar, speċjalment il-paella.*

*Iħobb jieħu s-selfies.*

*Ma jħobbx jivvjaġġa bil-Pope Mobile.*

*Iħobb it-tango u l-mużika Klassika.*

*Juża ħafna Twitter.*

*Barra l-Ispanjol, it-Taljan u l-Latin, jitkellem ħames lingwi oħra.*

*Qala' Harley Davidson (mutur prestiġjuż ħafna) bħala rigal, li biegħu sabiex seta' jgħin aktar lin-nies li m'għandhomx dar.*

*Huwa dilettant kbir tal-futbol u jżomm mat-tim Arġentin San Lorenzo.*

*Għandu klabb tal-futbol imsemmi għalih fi Buenos Aires: Club Deportivo Papa Francisco.*



*X'inhuma l-valuri li jgħożż l-aktar?*

## Ir-refuġjati u l-immigranti



Il-Papa Franġisku sa mill-ewwel sigħat li laħaq papa deher li se jkun papa qrib in-nies. Għandu għal qalbu ħafna r-refuġjati, u fil-fatt wara li f'Lesbos u Lampedusa kienu nqalbu xi dgħajjes mimlijin refuġjati u mietu ħafna nies u tfal fil-Baħar Mediterran, qabbel dawn il-ġrajjiet traġiċi ma' nawfraġju taċ-ċivilizzazzjoni. Hu jibqa' jisħaq u jitlob lill-pajjiżi fil-Mediterran biex jilqgħu lir-refuġjati, għax huma nies bħalna u jixirqilhom li jkunu trattati b'dinjità. Hu jenfasizza li m'għandniex inħarsu lejhom b'differenza iżda nuru mħabba u noqogħdu attenti anke fi kliemna, li xi drabi jista' jkun razzist u jweġġagħhom. Fil-fatt, bħala ġest sabiex jisħaq fuq dan il-punt, fiż-żjara qasira tiegħu f'Malta l-Papa ser imur Ħal Far, fejn se jiltaqa' mar-refuġjati li bħalissa qegħdin f'pajjiżna.

## L-ambjent



Minbarra r-refuġjati l-Papa Franġisku sa mill-bidu beda jiġbed l-attenzjoni tad-dinja lejn il-kura tal-ambjent. Hu kiteb ittra twila (enċiklika) dwar dan, mhux biss għall-Kattoliċi imma għan-nies tad-dinja kollha. Din l-ittra jisimha *Laudato Si*, u fiha l-Papa jitkellem fuq il-kriżi li l-ambjent madwar id-dinja għaddej minnha, u kif dan se jaffettwa lill-bnedmin kollha tad-dinja. Hu jgħid li t-tibdil fil-klima jeżisti verament u li hu xi ħaġa urġenti li l-gvernijiet u anke l-iżgħar persuni għandhom jeħduha bis-serjetà u jaħdmu sabiex, kif isejħilha hu, "id-dar komuni tagħna" – id-dinja, li lkoll ngħixu fiha – infejqulha u terġa' tibda tieħu r-ruħ.

## Ilkoll aħwa





Fl-2020 il-Papa ħareġ enċiklika oħra sabiex isostni aktar il-ħsibijiet tiegħu fuq il-paċi u l-għaqda bejn in-nies. *Fratelli tutti (Aħna lkoll aħwa)* turina l-importanza ta' kull bniedem fid-dinja. Tisħaq ukoll dwar kemm hu importanti li l-Insara jkunu bnedmin ferħana u fil-paċi magħhom infushom u mal-oħrajn. Tħeġġiġna biex kemm hu possibbli nagħżlu d-djalogu bejnietna u mhux il-ġlied, li ħafna drabi jwassal anke għall-gwerer. *Fratelli tutti* tindirizza problemi ta' kuljum, fosthom dawk soċjali u ekonomiċi, u tħeġġiġna biex inħarsu lejn in-nies l-oħra anke jekk huma ta' kulur, nazzjonalità jew reliġjon differenti minn tagħna, bi mħabba ta' aħwa u b'rispett. Fil-fatt narawh kemm-il darba jiltaqa' ma' mexxejja ta' reliġjonijiet differenti, jgħannaqhom u anke mhux l-ewwel darba li talabhom maħfra ta' kemm forsi l-Knisja ma qisithomx bħala aħwa.

Minn qalbna nagħtu merħba lill-Papa Franġisku f'pajjiżna u nitolbu li aħna wkoll inkunu nies li nibżgħu għan-natura, inħobbu lil kull min hu differenti minna u dejjem inxerrdu messaġġ ta' ferħ u paċi mal-oħrajn!

## *Merħba, Papa Franġisku!*